FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 4 TA' MEJJU 2001

Avviz Nru 830/96DM

George u Lourdes konjugi Diacono

vs

Aplan Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta sabiex ihallsu lil-atturi dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni sofferti mill-konvenuti fil-dishwashing machine tal-marka "Siemens" mibjugha u kkonsenjata lill-atturi mis-socjeta konvenuta u dan billi din irrizultat difettuza.

Bl-ispejjez u bl-imghax sal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ghall finijiet tal-kompetenza gie dikjarat li l-ammont mitlub jeccedi l-mitt lira izda mhux l-hames mitt lira.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet;

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi d-“dishwashing machine” li l-atturi xtraw minghand is-socjeta konvenuta qatt ma kienet difettuza.

Rat id-digriet tal-25 t’Ottubru 1996 fejn gie nominat William Cassar Torregiani. bhala Perit Tekniku

Rat ir-relazzjoni tal-perit ipprezentata fl-14 ta’ Jannar 1999 u mahlufa fl-14 ta April 1999.

Rat noti ta sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi t-talbiet attrici jistriehu esklussivament fuq il-premessa illi d-“dishwashing machine” li huma xtraw minn ghand il-konvenuti ‘*irrizultat difettuza’* u ghalhekk jispetta lill-istess atturi li jippruvaw tali difetti.

Billi il-kwistjoni dwar il-funzjonament tad-‘dishwasher’ hija wahda purament teknika, il-Qorti nnominat espert in materia li wara li kkunsidra l-ilmenti tal-atturi u ghamel diversi provi ta hasil ippresenta r-relazzjoni tieghu.

Il-konkluzzjonijiet tal-perit huma skjetti u precizi u jistabilixxu illi d-‘dishwasher’ minnhu ezaminata hija dik mibjugh lill-atturi u illi din tiffunzjona perfettament u hija hielsa minn difetti.

Biex jevitaw il-konsegwenza logika ta tali konkluzzjoni peritali, l-atturi allegaw li setghu saru xi riparazzjonijiet da parti tal-konvenuti fil-mori ta din il-kwistjoni billi sfortunatament l-istess atturi hallew il-magna fil-pussess tal-konvenuti. Izda anke jekk l-atturi ma hadux il-hsieb li jippreservaw b’mod ghaqli l-provi, il-prova ta dak li jallegaw tibqa dejjem taghhom u ma ngiebu ebda provi ndikativi li l-konvenuti ghamlu tali xogholijiet.

Inoltre l-atturi esibew platt tal-‘pyrex’ bhala mostra tal-hsara li kkawzat il-magna in kwistjoni. Dan l-istess platt effettivament juri sinjali ta brix li ma jistghax jigi ekwiparat mal ittappnar li prospetta u accetta l-espert bhala konsegwenza possibbli ta kwalita’ inferjuri ta ilma u detergenti.

Ghalhekk, stante r-relazzjoni peritali u n-natura tal-hsara allegata, l-atturi definitivament ma waslux ghall-prova li kienet tinkombi fuqhom li l-magna mibjugha lilhom mill-konvenuti kienet difettuza u pprovokat ir-rizultati allegati.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

……………………..
Mag. Dr. D. Montebello BALLD

A. Farrugia
DepReg
CIV4